MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 1023/2012

**Robert Vyletel, detentur tal-passaport Slovakk bin-numru PO148454 kif lokalment rapprezentat mill-mandatarju speciali l-Avukat Dr David Gonzi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 551078 (M)**

**vs**

***Eurocasinobet Limited* (C – 42708)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-12 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

1.1 Illi r-rikorrenti kien is-sid tad-*domain names*:

1.1.1. *casinoonline.sk*;

1.1.2. *stavkovekancelarie.sk*;

1.1.3. *casinoonline.cz*; u

1.1.4. *sazkovekancelare.cz*;

1.2 Illi l-istess rikorrenti ftiehem kontrattwalment mas-socjeta` intimata b'kuntratt datat l-1 ta' Marzu, 2009, fejn assenja d-*domain names* fuq indikati lis-socjeta` intimata ghas-somma ta' hamsa u disghin elf Ewro, (€95,000.00), (ara foll 4 *et sequitur*);

1.3 Illi s-somma patwita indikata fil-paragrafu precedenti kellha tithallas mis-socjeta` intimata tar-rikorrenti sal-15 t'April, 2012, fi tmienja u tletin, (38), pagament rateali;

1.4 Illi in esekuzzjoni tal-istess ftehim is-socjeta` intimata ghamlet l-ewwel tmien (8) pagamenti rateali biex b'hekk komplessivament hallset lir-rikorrenti hamsa u tletin elf Ewro, (€35,000.00), (ara foll 12);

1.5 Illi minghajr l-ebda raginu valida fil-ligi, f'Gunju, 2010, is-socjeta` intimata waqfet teffetwa l-pagamenti minnha patwiti lir-rikorrenti;

1.6 Illi konsegwenza tal-istess, is-socjeta` intimata ghandha thallas lir-rikorrenti l-bilanc rimanenti ta' sittin elf Ewro, (€60,000.00), (ara rendikont relattiv a foll 13);

1.7 Illi fil-fehma tar-rikorrenti l-ammont dovut mis-socjeta` intimata lir-rikorrenti hu dejn li hu veru, cert, likwidu u dovut li ghalih, is-socjeta` *de quo* u ghandiex eccezzjonijiet x'iggib;

1.8 Illi ghalhekk, ir-rikorrenti *nomine* jitlob li l-procedura in dizamina tkun bid-dispensa tas-smiegh kif provdut fl-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.9 Illi ghaldaqstant aderixxa din il-qorti biex is-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tiddeciedi din il-vertenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *a tenur* tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq indikat kif fuq rilevat;

1.9.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' sittin elf Ewro, (€60,000.00);

1.9.3. Bl-ispejjez kif dedotti kontra s-socjeta` intimata fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha datat l-1 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu, wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` intimata, awtorizzat lill-istess socjeta` biex tipprezenta ir-risposta guramentata taghha fit-terminu hemm indikat, (ara foll 19);

3.0 Rat ir-risposta guramentata datata z-19 ta' Novembru, 2012, li permezz taghha s-socjeta` intimata irrispondiet bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti:

3.1. Illi din il-qorti m'ghandiex gurisdizzjoni fuq il-procedura odjerna *stante* li tali gurisdizzjoni tappartjeni lill-

qrati Slovakki skont ir-Regolament tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (EC) Numru 44/2001;

3.2. Illi l-kawzali u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma allegazzjoni ta' ksur ta' obbligi mis-socjeta` intimata naxxenti mill-kuntratt datat l-1 ta' Marzu, 2009, (ara foll 4);

3.3. Illi l-kuntratt indikat fil-paragrafu precenti gie konkluz fl-Islovakkja;

3.4. Illi l-oggett tal-ftehim u l-obbligi assunti gew inwettqa fl-Islovakkja;

3.5. Illi skont l-imsemmija Regolamenti, (ara paragrafu numru tlieta punt wiehed, (3.1.) aktar qabel), il-gurisdizzjoni relattiva hi ta' dak l-Istat Membru fejn l-obbligi patwiti jigu inwettqa;

3.6. Illi *di piu`*, persuna domiciljata fi Stat Membru tigi mharrka fi Stat Membru iehor *" (a) in matters relating to a contract, in the courts for the place of performance of the obligation in question"*;

3.7. Illi ghalhekk, id-dehra tas-socjeta` intimata fl-atti odjerni m'ghandiex tigi ekwiparata ma posizzjoni li qed tissottometti ghall-gurisdizzjoni lokali;

3.8. Illi l-ligi applikabbli hi dik Slovakka;

3.9. Illi fil-mertu, ir-rikorrenti sgwida lis-socjeta` intimata fit-trasferiment tad-*“domain names”* in dizamina b’informazzjoni zbaljata u inkorretta fir-rigward;

3.10. Illi l-prezz patwit bejn il-partijiet kien ibbazat fuq analizi ekonomika ippreparata mir-rikorrenti;

3.11. Illi l-imsemmija analisi irrizultat skorretta u ghalhekk il-prezz patwit mhux validu;

3.12. Illi r-rikorrenti ircieva mis-socjeta` intimata hamest elef u erbgha Ewro, (€5,004.00), fid-9 ta’ Marzu, 2009, liema ammont ma’ giex imnaqqas mir-rikorrenti mill-ammont minnu hawn pretiz;

3.13. Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.14. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

3.15. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Semghet ix-xhieda prodotta;

5. Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

6. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

7. Illi l-vertenza in dizamina hi naxxenti minn kuntratt redatt bejn il-partijiet kontendenti li hu datat l-1 ta' Marzu, 2009, (ara foll 8):

8.0. Illi l-imsemmi kuntratt stabilixxa sintetikament is-segwenti:

8.1. Illi r-rikorrenti assenja lis-socjeta` intimata d-*"domain names"* indikati aktar qabel, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel u l-paragrafi numru 2 u 3 tal-artiklu II, u il-paragrafu numbru 1 tal-artiklu III a foll 8), debitament registrati f'isem l-istess rikorrenti, (ara paragrafu numru 4 tal-artiklu II a foll 8);

8.2. Illi s-socjeta` intimata obbligat ruhha li tigi assenjata l-imsemmija *"domain names"* a bazi ta' pagament ekwu patwit bejn l-istess partijiet, (ara paragrafu numru 1 tal-artiklu V a foll 9);

8.3. Illi l-modalita` tal-pagament giet ukoll debitament patwita sodisfazzjon tal-kontendenti kif jidher fil-paragrafu numru 2 tal-artiklu V, (ara foll 9);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi rigward il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jinghad sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi d-*domain names* meritu tal-procedura odjerna qatt m'ezistew qabel, u kien biss ir-rikorrenti Vyletel li irregistrhom l-ewwel darba, (ara foll 36);

9.2. Illi r-rikorrenti *de quo* kien *"system director"* mas-socjeta` intimata fil-perjodu Awissu 2008 sa Marzu, 2009;

9.3. Illi fl-1 ta' Marzu, 2009, ir-rikorrenti irrediga l-kuntratt meritu tal-procedura odjerna flimkien mas-socjeta` intimata;

9.4. Illi a bazi tal-istess ftehim hekk patwit, ir-rikorrenti assenja d-*"domain names"* fuq indikati lis-socjeta` intimata, li min-naha taghha obbligat ruhha li thallas l-ammont komplessiv ta' hamsa u disghin elf Ewro, (€95,000.00), lir-rikorrenti f'pagamenti rateali kif hemm ukoll specifikati;

10. Illi in segwitu ghall-istess ftehim hekk patwit, is-socjeta` intimata effettwat tmin (8) pagamenti izda ma' komplietx tezegwixxi d-doveri taghha aktar fir-rigward, bi ksur tal-kondizzjonijiet kuntrattwali patwiti;

Ikkunsidrat:

11. Illi rizultat tal-istess, is-socjeta` intimata ghad ghandha thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' sittin elf Ewro, (€60,000.00);

12.0. Illi rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` intimata li l-qorti odjerna m'ghandha l-ebda gurisdizzjoni rigward il-vertenza in dizamina ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

12.1. Illi ghalkemm l-istess socjeta` intimata issolevat din l-eccezzjoni jirrizulta li tul il-procedura hi abbandunat l-istess eccezzjoni billi ma resqet l-ebda prova fir-rigward;

12.2. Illi minn analizi tas-sitwazzjoni fir-rigward jirrizulta minflok is-segwenti:

12.2.1. Illi l-kuntratt in dizamina datat l-1 ta' Marzu, 2009, jirrizulta wiehed validu u ghalhekk ezegwibbli lokalment;

12.2.2. Illi kif jidher minn numru ta' registrazzjoni tas-socjeta` intimata, (C-42708), l-istess socjeta` hi wahda registrata lokalment skont il-ligi;

12.2.3. Illi ghalhekk tenut kont tal-fatt li:

12.2.3.i. Is-socjeta` intimata bl-ebda mod ma ssanzjonat l-allegazzjoni taghha in dizamina;

12.2.3.ii. Ir-rikorrenti jirrisjedi lokalment; u

12.2.3.iii. Is-socjeta` intimata tirrizulta debitament registrata lokalment;

hi l-konsiderazzjoni logika ta' din il-qorti li ma jezisti l-ebda impediment legittimu li jipprekludu lil din il-qorti milli tipprocedi bis-smiegh u bil-konkluzjoni tal-istess procedura skont il-ligi;

**DECIDE:**

13.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi ghalhekk sodisfatta li r-rikorrenti ipprova il-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li ghar-ragunijiet fuq premessi tirrespingi r-rispost kollha tas-socjeta` intimata, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u

13.1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata *Eurocasinobet Limited* biex thallas lir-rikorrenti Robert Vyletel l-ammont ta' sittin elf Ewro, (€60,000.00);

13.2. Tikkundanna wkoll lill-istess socjeta` intimata biex thallas l-ispejjez kollha relattivi ghall-procedura odjerna, inkluz dawk relattivi ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, oltre l-imghaxijiet kummercjali involuti *ai termini* tal-artiklu V tal-kuntratt in dizamina tal-1 ta' Marzu, 2009, sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------